MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

7 LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 12

It -Tlieta 26 ta' Settembru 2017

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Paul Bongailas - Kunsillier
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

***Ma Kienx hemm***

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

## 12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm

## 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

12.2.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f 'Awwissu 2017.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier Vince Bongailas

## 12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

12.3.1 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar email ta' tweġiba minn naħa ta' TM fuq punt li qajjem is-Sur Chris Bruno fis-seduta preċedenti 11.3.9 rigward l-approvazzjoni ta' tabella u 'bollard' fl-inħawi ta' Triq il-Ħbit mill-Ajru.

TM qed jistaqsu lill-Kunsill għalfejn trid titwaħħal sinjal li tgħalaq it-Triq meta din it-Triq fil-verita skond huma tista tgħaddi minna u toħroġ bla problemi ta' xejn.

Is-Sur Chris Bruno saħaq illi r-ritratt mibgħut minn naħa ta' TM ma' din l-ittra huwa meħud bil-kontra ta' dak li kien qiegħed jiġi ssuġġerit u maqbul mill-Kunsill stess u għandhu jintbgħat ritratt sewwa kif ukoll spjega għaliex il-Kunsill kien qiegħed jitlob dawn iż-żewġ affarijiet.

12.3.2 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi l-avukat bgħat il-liġi rigward il-punt diskuss fil-laqgħa preċedenti 114.3 rigward l-iskart iġġenerat minn ċertu ħwienet.

Is-Seg.Eżek spjegat illi l-liġi hija teknika mhux ħażin u ser tkun qed tistenna l-avukat jgħatina spjega fuq din il-liġi qabel ma tittieħed deċiżjoni finali mill-Kunsill rigward il-ġbir ta' l-iskart tal-ħwienet tal-lokal.

Is-Sinjura Chircop infurmat il-Kunsill dwar email li rċeviet minn TM biex jitneħħew linji sofor li saru bl-approvazzjoni tagħhom stess in-naħa ta' Triq
12.3.3 San Leonardo aktar kmieni dan ix-xahar.

Il-Kunsill qabel illi dawn għandhom jitneħħew minnufih għaliex mhux sewwa illi l-Kunsill jaqla penali fuq approvazzjoni w oġġezzjoni fl-istess ħin fuq l-istess materja minn naħa ta' TM dan wara li s-Sinjura Speranza Chircop saħqet illi hija kienet qed tistenna risposta / gwida minn terza persuna għalfatt illi ir-residenti ser ikunu qegħdin igergru fuq dan l-istess fatt wara li l-Kunsill ġab approvazzjoni ta' dawn l-istess linji sofor.

Il-Kunsill qabel illi dawn l-affarijiet huma inaċċetabli illi filli tinġieb approvazzjoni u filli niġu ordnati li neħħu dak li hu diġa approvat.

Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar suġġeriment illi is-Sur
12.3.4 J.C.Azzopardi, għamilla rigward it-tisbiħ, tiswijiet u manutenzjoni li jistgħu isiru fil-Bajja ta' Rnella. Huwa qalla illi ser ikun qed jaħdem mal-Periti tal-MTA biex dan il-proġett iseħħ avolja jaf illi l-Bajja ma taqax taħt il-Kunsill dirett.

Ser ikun qiegħed jitbgħat rapport imhejji mill-Periti stess tal-MTA kif ukoll xi suġġerimenti li għamel is-Sur JC Azzopradi stess lill kull Kunsillier biex min irid jgħaddi suġġerimenti oħra barra dawk li diġa hemm kulħadd ikollu l-opportunita' jagħti l-kummenti tiegħu qabel jintbgħat lura lill-MTA stess.

12.3.6 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi waqt laqgħa li kellu l-Kunsill mal-Onorevoli Silvio Parnis tqajjmet diskussjoni fuq il-proċess burokratiku li qegħdin ngħaddu minnu il-Kunsill stess meta niġu biex niżbru is-sigar tal-lokal mal-Awtorita' konċernata.

Is-Sinjura Chircop staqsiet il-Kunsill jekk fil-fehma tagħhom għandiex inkomplu nagħmlu dan il-proċess kif inhu suppost bil-liġi jew inkella niżbru is-siġar li jkun hemm bżonn bla ebda applikazjoni kif filfatt ikkonferma l-Onorevoli Parnis li ħafna Kunsilli hekk jagħmlu.

Il-Kunsill qabel unanimament li dan il-proċess għandu jibqa jsir b'applikazzjoni kif inhu supost anki jekk dan huwa ta' skariġġ sakemm jinġieb il-permess mill-Awtorita' ikkonċernata.

Is-Sur Chris Bruno staqsa nistgħux niksbu nformazzjoni mingħand din l-Awtorita' stess rigward is-siġar u l-iżbir tagħhom rispettivament biex b'hekk niffaċilitaw il-proċedura ta' żbir fil-lokal meta tiġi biex tintela l-applikazzjoni fuq is-siġar ikkonċernati

12.3.7 Is-Sinjura Chircop infurmat il-Kunsill dwar ilment ta' nuqqas ta' dawl li rċeviet mir-residenti li joqgħodu in-naħa ta' taħt ta' Triq il-Progress fejn din ġiet ikkonfermata mill-Awtorita' tal-Artijiet li hija l-inħawi huma privati.

Il-Kunsill qabel unanimament illi minħabba illi dawn l-inħawi huma privati il-Kunsill m'għandux jidħol fiha pero' ser ikun qed jgħin lil dawn ir-residenti mal-Enemalta biex jekk hemm possibilta' li jitwaħħal arblu minn naħa tagħhom isir dan mingħajr ma l-Kunsill ma jidħolx fi spejjeż peres li dawn l-inħawi jaqgħu taħt il-privat.

12.3.8 Is-Sinjura Speranza Chircop ressqet talba mingħand is-Segretarju tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp fejn dan il-każin qiegħed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill biex iżid it-toqob tan-nar ta' l-art in-naħa ta' fejn ikunu armati il-gabbani.

Il-Kunsilll wara diskussjoni kostruttiva fuq il-gabbani li ser ikollom jitilgħu aktar il fuq fi Triq Marina approva din it-talba fuq il fatt illi dan il-Każin stess għandu jġieb il-permessi kollha meħtieġa.

12.3.9 Is-Sinjura Speranza Chircop ressqet ilment / suġġerminet mingħand resident li joqod fi blokka Flats fi Triq l-Għassieli fejn dan qed jikteb f'isem resident ieħor fl-istess blokka li qiegħed isiba diffiċli bil-'wheelchair' biex jitla fuq il-bankina ta' quddiem din l-istess blokka minħabba li hija waħda għolja.

Is-Seg.Eżek spjegat illi l-bankina taqa taħt il-Kunsill Lokali Kalkara pero' jekk ser titbaxxa żgur li ser jintmess id-dranaġġ ta' din l-istess blokka flats.

Is-Sur Pawlu Bongailas issuġerixxa illi minflok titbaxxa il-bankina kollha għandha ssir rampa f'kull tarf ta' din l-istess bankina biex b'hekk bniedem bil-'wheelchair' jew persuna bil-'pushchair' ikolla aċċess aktar faċli tidħol fil blokka bla xkiel.

Il-Kunsill qabel unanimament mas-suġġeriment tass-Sur Pawlu Bongailas.

12.3.10 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar il-problema li għandu l-Kunsill ma l-Awdituri li ħejjew l-awditjar tal-finanzi tal-Kunsill għas-Sena 2016 fejn dawn s'issa għadhom bla opinjoni finali fuq il-Kunsill tal-Kalkara minħabba affarijiet rikorenti minn snin preċedenti fejn dejjem tħallew għaddejijn.

Is-Seg.Eżek sjegat illi l-'Accountants' imqabbdin mill-Kunsill qed jitolbu l-approvazzjoni tal-Kunsill biex l-Kredituri / Debituri tal-Kunsill ili ma weġbux

l-ittri li ntbgħatu darbtejn lilhom biex jikkonfermaw l-ammonti li għadom jidhru fir-rapporti tal-Kunsill jitneħħew darba għal dejjem minn dawn l-istess kotba biex wieħed ikun jista jibda proċess ġdid għas-Sena 2018.

Is-Sur Chris Bruno saħaq illi s-Seg.Eżek għandha ġġibilna kopja ta' l-ittri li ntbgħatu lil dawn il-fornituri tal-Kunsill li ġejjien mis-snin preċedenti f'Seduta formali u jiġu ffirmati minnhom stess biex jitneħħew mill-kotba tal-Kunsill biex anka hi ikollha l-approvazzjoni tal-Kunsill kollu jekk allaħares qatt xi ħadd isaqsi xi ħaġa fuqhom.

Il-Kunsill qabel unanimament illi la darba ikollom provi ċari ta' dan imsemmi hawn fuq huma m'għandom l-ebda oġġezzjoni li dawn jitneħħew kompletament mill-kotba tal-Kunsill biex l-'Accountants' ikunu jistgħu jaħdmu aktar fiċ-ċar fuq il-finanzi ta' l-istess Kunsill.

12.3.11 Is-Sinjura Speranza Chircop għarrfet lill-Kunsill dwar xogħolijiet li saru matul ix-xahar ta' Settembru mill-ħaddiema ta' l-istess Kunsill fil-'Housing Estate' ta' Rnella kif ukoll taħwil ta' xitel madwar il-lokal.

Is-Sur Pawlu Bongailas u s-Sur Vince Bongailas talbu li jitħawlu ukoll xitel in-naħa tal-'Housing Estate' Rnella kif ukoll in-naħa tal-Kappella tas-Salvatur għaliex dawn ma ġewx inklużi fit-tħawwil ta' pjanti / xitel fil-lokal.

12.3.12 Is-Sinjura Speranza Chircop għarrfet il-Kunsill dwar ħarġa kulturali li ser tkun qed torganizza aktar tard fix-xahar ta' Novembru għal-irġiel, anzjani u Familja.

12.3.13 Is-Sinjura Speranza Chircop ippreżentat lis-Sur Mario Camilleri l-organizzatur tal-attivita' ta' Puttinu li saret aktar kmieni din is sena wara l-punt imqajjem mis-Sinjura Maria Sultana 11.3.6 biex hu stess jgħati spjegazzjoni fid-dettal fuq ir-rendikont ta' din l-istess attivita'.

Is-Sur Camilleri preżenti fil-laqgħa spjega illi hu flimkien man nies tiegħu ħadmu b'mod volontarju u li l-kont ħareġ abbażi ta' pakkett minn kuntrattur ħabib tiegħu li ħa f'idu dak kollu li kien hemm bżonn bħal palk dawl eċċ. u b'hekk il-figuri mhumiex qegħdin dettaljati għal fatt illi dan kien pakkett ta' offerta.

Huwa saħaq illi kieku nħarġu kontijiet dettaljati u separati fuq dak kollu li kien hemm bżonn il kont kien ser ikun wieħed ħafna akbar minn dak li tħallas fuq din l-attivita'.

Is-Sinjura Maria Sultana qalet illi ma kienx hemm bżonn li jinqala is-Sur Camilleri biex jgħati spjegazzjoni imma hi pretendiet kif diġa kienet saħqet fis-Seduta ta' qabel li l-figuri b'aktar dettalji fuq din l-attivita' kif inhu suppost li jsir.

Is-Sur Camilleri kompla jgħid illi hu mexa fuq il-bażi tal-loġistika tas-snin preċedenti fuq din l-istess attivita' bid-defferenza li hu ħadem differenti u b'mod volontarju fejn jidħlu sponsors.

Is-Sinjura Maria Sultana kompliet tgħid illi l-attivita' bħal din pretendiet li ser trendi aktar qligh għal Puttinu anki minħabba ix-xogħol li kien fiha li jinkludi il-ħaddiema tal-Kunsill stess f'dak kollu li kien hemm bżonn. Kif ukoll pretendiet u kif inhu xieraq illi s-Sindku bħala kordinatur ta' din l-attivita' flimkien mas-Sur Camilleri kellha tlaqqa l-Kunsilliera kollha biex b'hekk tispjega sew qabel l-attivita' x'hemm bżonn li jsir minn naħa tagħhom biex ikunu ta' għajnuna huma ukoll għaliex dan qatt ma sar fil-verita.

Is-Sur Vince Bongailas qal li fil-fehma tiegħu jifhem lis-Sur Camilleri illi l-affarijiet li kien hemm bżonn u li kienu hemm waqt l-attivita' fil-verita jiswew ħafna iktar minn dak il-kont li nħareġ biex jitħallas għaliex kienu affarijiet professjonali ħafna.

Is-Sinjura Maria Sultana kompliet tgħid illi hi mhux kuntenta b'din l-ispjega tar-rendikont minħabba illi m'hemmx dettalji ta' xejn u hi ma taqbilx kif inħadmet din il-kwistjoni.

Hija saħqet illi s-suġġerimenti tagħha fuq din l-attivita' wara kollox kienu kostruttivi biex għas-snin li ġejjijn l-attvita' tkun tista dejjem ittejjeb lilha nnifisha u x-xogħol kollu qabel ma tittella din l-attivita' jiġi sfruttat sew biex jinġabru aktar fondi.

## 12.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 12.4.1 Christopher Bruno – Viċi Sindku

**A.** Is-Sur Chris Bruno talab il-Kunsill jibgħat email ta' tfakkira oħra lill-

Każin tal-Għaqda Mużikali San Ġuzepp rigward konki li tħallew barra sa issa li ntuzaw għaż-żminijiet tal-festa.

**B.** Is-Sur Chris Bruno talab li tinġieb informazzjoni dwar xogħol privat li kien inbeda aktar min 7 snin ilu fit-Triq mgħarufa bħala taċ-ċumnija minħabba illi tħalla konkos adoċċ flok itella' ċint pulit kif suppost. Is-Sur Chris Bruno ser ikun qed jibgħat ritratti ta' dan is-sit biex is-Seg.Eżek. tibgħat rapport formali lill-Pulizija tad-Distrett biex tikseb kemm jista jkun informazzjoni fuq min hu s-sid ta' dan is-sit.

**C.** Is-Sur Chris Bruno staqsa formalment lis-Sur Pawlu Bongailas bħala 'Chairperson' fuq Jum il-Kalkara jekk fir-regoli tan-Nominazzjonijiet għal Ġieħ / Unur il-Kalkara hemmx xi klawsola fuq persuni politiċi.

Is-Sur Pawlu Bongailas wieġeb illi hemm klawsola illi tgħid li persuna li għada involuta f'attivitajiet politiċi / membru politiku fil-preżent ma jistax jiġi innominat.

Is-Sur Chris Bruno ikkonferma illi hu kien biss qed isaqsi peres, li kien hem xi individwi li jkun ħaqqhom Ġieħ / Unur il-Kalkara.

**12.4.2 Is-Sinjura Maria Sultana – Kunsilliera**

**A.** Is-Sinjura Maria Sultana għaddiet korrezjoni mis-Seduta preċedenti fuq il-punt 11.4.1 E fejn hi saħqet illi fl-ebda ħin ma qalet illi id-'Double Deckers' għandhom jiġu rapurtati jew imneħħija mit-Triq anzi il-kontra biex il-Kunsill jgħin il dawn in-nies li jiġu għal ħin qasir f'darhom imqar kemm jieklu jew ħaġa jew oħra.

Is-Seg.Eżek saħqet illi l-argument tas-Sinjura Maria Sultana fil-laqgħa preċedenti ma kienx hekk imma kien dak illi għandhom jitneħħew kif kemm il-darba ġiet diskussa din il-problema f'Seduti preċedenti u nqabel b'mod unanimu mill-Kunsilliera kollha li dawn m'għandhomx jitħallew lejl sħiħ iparkjati fit-Toroq tal-Kalkara speċjalment fi Triq Marina u Triq il-Missjoni Taljana.

**B.** Is-Sinjura Maria Sultana infurmat il-Kunsill dwar sezzjonijiet ta' stejjer / qari bl-isem ta' Darba Waħda bil-kollaborazjoni tal-Valletta18 li ser ikunu qed jibdew mix-xahar ta' Ottubru 2018.

Hija qassmet ukoll leaflet ta' informazzjoni lill-Kunsilliera kollha biex mingħandu xi isem ta' xi persuni nteressati huma ukoll ikunu jistgħu jigu

innominati għal dawn is-sezzjonijiet.

L-istess leaflet ser ikun qed jitwaħħal fin-Notice Boards / Ħwienet tal-lokal kif ukoll jerġa jitella' fuq il-paġna ta' 'Facebook' tal-Kunsill.

Is-Seg.Eżek ser tkun qed itella' prova ta' dan fis-Seduta li jmiss biex terġa tittieħed deċiżjoni fuq dak li qed jiġi suġġerit mis-Sinjura Maria Sultana.

### 12.4.3 Is-Sur Pawlu Bongailas - Kunsillier

**A.** Is-Sur Pawlu Bongailas, talab il-Kunsill biex tittieħed deċiżjoni fuq l-iskips ta' fejn il-bandli li wasal iż-żmien li jitneħħew jew jitmexxew għal post aktar vijabli il bogħod mill-bandli minħabba raġunijiet sanitarji. Huwa suġerixxa li dawn l-iskips għandhom jitmexxew għal aktar il-fuq fi Triq Marina fejn diġa hemm skip ħadra jew fejn it-taraġ ta' taħt ix-Xatt fejn it-tarag.

Is-Sinjura Maria Sultana saħqet illi jekk ser jitmexxew iktar il fuq fi Triq Marina ser ikunu qegħdin jitnaqqsu il-parkeġġi.

Is-Sinjura Speranza Chircop saħqet illi jekk isiru taħt Triq ix-Xatt għandha titwaħħal 'bollard' mal-art minħabba l-abbużi.

Is-Seg.Eżek spjegat illi dik il-'bollard twaħħlet mill-inqas għaxar darbiet mill-ġdid minħabba atti vandali fil-passat fejn dejjem kienet qed titwaddab il-baħar.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-iskips għandhom jitmexxew taħt it-taraġ bħala prova u ser tkun qed tintbgħat notifika lir-residenti kollha ta' l-inħawi.

**B.** Is-Sur Pawlu Bongailas staqsa l-Kunsill jekk għandhomx oġġezzjonijiet jekk in-'Notice Board' li hemm fuq iz-zuntier tal-Knisja fejn id-Dar Parrokkjali tiċċaqlaq għan naħa opposta ta' fejn qiegħda fil-preżent wara li l-Kappillan kien qed jissuġerixxi dan għaliex fil-fehma tiegħu ir-residenti ikollom aktar aċċess għal informazzjoni aktar komdi fin-naħa opposta.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li titmexxa din in-'Notice Board' imsemmija.

**C.** Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq illi sa qabel din is-Seduta stess kien għadu ma kellux konferma mingħand il-Kunsilliera kollha fuq id-dekasteri

rispettivi tagħhom dan wara li intbgħtet email aktar kmieni dan ix-xahar stess lill-Kunsilliera kollha.

Apparti minn hekk saħaq illi hemm bzonn illi l-Kunsilliera li għadhom ma bgħatux il-messaġġ miktub għal fuq il-fuljett li ser ikun qed jinħareġ kif ukoll ritratti / attivitajiet eċċ għandhom jibgħatu kollox mill-aktar fiss possibli sa mhux aktar tard minn qabel l-aħħar ta' Ottubru biex hu stess ikun jista jaħdem aħjar fuq l-istess fuljett.

I-Sur Pawlu Bongailas talab il-koperazzjoni sħiħa mill-Kunsilliera kollha.

**D.** Is-Sur Pawlu Bongailas informa l-Kunsill illi għal din is-sena 2017 bħal kull sena l-attivitajiet relatati ma Jum il-Kalkara ser ikunu qegħdin isiru l-iskola bħas-soltu wara illi t-tentattiv li l-kunċert isir il-Knisja għal l-ewwel darba ma ġiex milqugħ mill-Kurja.

Is-Sur Palwu Bongailas talab lis-Sinjura Maria Sultana tikkonferma d-dati mal-Kap ta' l-iskola bħas-soltu kif ukoll tenfasizza li jitkanta l-Innu tal-Kalkara waqt l-attivita' li ser issir it-Tnejn 11 ta' Diċembru din is-sena kif kien diġa ġie diskuss f'Seduti oħra.

Il-ħinijiet tal-Kunċeri kif ukoll aktar dettalji ser ikunu qegħdin jiġu konfermati mis-Sur Palwu Bongailas aktar tard fil-jiem li ġejjien.

Is-Sinjura Maria Sultana qajjmet punt fuq l-Innu tal-Kalkara hija fil-fehma tagħha għandha tintbgħat Ittra ta' Kondoljanzi lill-familjari tas-Sur Vanni farrugia li ħalla din id-dinja illi ħa ħsieb ir-rekordjar ta' dan l-istess Innu f'isem il-Kunsill kollu.

Il-Kunsill qabel unanimament mas-suġġeriment tas-Sinjura Maria Sultana.

Is-Sur Pawlu Bongailas kompla billi suġerixxa illi għas-sena id-dieħla titdaħħal idea ġdida għal min ikun ser ikun qed jieħu it-Titlu ta' Ġieħ il-Kalkara fejn l-individwu jingħata speċi ta' Trofew li tinżamm għandu għal sena. Wara tirritorna lura lill-Kunsill u jżomma l-individwu li fis-sena ta' wara ikun ser jieħu dan l-istess titlu.

L-ismijiet ta' kull min jieħu dan it-titlu jiġu mniżżla fuq plakka, li tkun mat-trofew. Is-Sur Palwu Bongailas wera 'sketch' ta' kif jista jiġi dan it-Trofew u qiegħed jissuġerixxi li tisejjaħ notifika lill-artisti tal-lokal biex min ikun interessat jagħmel 'sketch' ta' din it-trofew ikun jista jagħmel dan għas-sena 2018.

**12.4.4**

Il-Kunsill kollu qabel unanimament mas-suġġeriment tas-Sur Pawlu Bongailas.

**Is-Sur Vince Bongailas - Kunsillier**

A. Is-Sur Vince Bongailas talab lill-Kunsill biex wieħed jieħu ħsieb li jitranġaw u jitnaddfu il-pots tal-ġebel li hemm fil-viċinanzi tal-Kunsill mal-ġenb tal-Kappella tas-Salvatur li fil-preżent m'għandhomx xitel miżrugħ fihom, kif ukoll jinżergħu xi xitel biex l-ambjent ta' l-inħawi dejjem ikun isbaħ.

B. Is-Sur Vince Bongailas talab lis-Seg.Eżek tiċċekja ftit xi jrid isir biex il-bankina miżjuda fil-passat fi Triq il-Villa tal-Ammirall titneħħa bil-kunsens tal-Kunsill kollu minħabba li r-residenti ta' l-inħawi lmentaw illi l-bankina hija wiegħsa wisq u qed ibgħatu meta jiġu biex iduru bil-karozzi peress li din l-istess Triq tagħlaq.

Il-Kunsill qabel unanimament illi s-Seg.Eżek għanda tiċċekja x'permessi hemm bżonn biex iż-żieda tal-bankina titneħħa għal-benefiċċju ta' l-istess residenti li joqgħodu fit-Triq imsemmija

## 12.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

12.5.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 11.17 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 12.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 12.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

12.7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar it-Tlieta 24 ta' Ottubru 2017 fl-4:00 p.m.

Konfermati, illum It-Tlieta 26 ta' Settembru, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop | Elaine Caruana |

Sindku Segretarju Eżekuttiv